TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT107/24/F

**Johann Farrugia**

**vs**

**Attard Bros Building Supplies Ltd (BigMat)**

Illum, 2 ta' Lulju 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-18 ta' Mejju 2024;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fil-5 ta' Ġunju 2024;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma attenda għas-seduta tal-1 ta' Lulju 2024;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rimborżat is-somma ta' seba mija u tmienja u disgħin Euro (€798.00) prezz li huwa ħallas għal żewġ "*Extensible Alum Table*" mixtrija mingħand l-azjenda intimata minħabba li dawn ħarġilhom is-sadid fi żmien anqas minn sentejn minn meta nxtraw.

Illi permezz tar-Risposta tagħha l-azjenda intimata tgħid li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt għax skont ma tgħid, ir-Rikorrent ma mexiex mal-istruzzjonijiet dwar manutenzjoni mogħtija mal-prodott u minħabba li t-tħassir tal-mobbli mhux imputabbli lilha.

Illi fix-xhieda tiegħu bil-ġurament, ir-Rikorrent spjega li kif ankè jidher mid-deskrizzjoni tal-imwejjed fuq il-fattura relattiva, l-imwejjed ġew mibjugħa bħala li huwa tal-aluminju u għalhekk, mhux suppost jissaddu. Illum l-imwejjed jinsabu miksija sadid u kif jispeja r-Rikorrent, saħansitra meta prova jwaħħal kalamita magħhom, din weħlet: prova assoluta li mhux vera komposti mill-aluminju iżda mill-ħadid li jagħmilhom suxxettibbli għas-sadid kif fil-fatt ġara.

Illi minkejja li l-azjenda intimata preżentat Risposta, l-ebda rappreżentant ma deher għas-seduta tas-27 ta' Mejju 2024 quddiem it-Tribunal u għalhekk, bl-assenza inġustifikata tagħha għas-seduta, l-azjenda intimata naqset milli tagħti l-verżjoni tal-fatti skontha in sostenn tal-eċċezzjonijiet minnha sollevati. Għalhekk dan li jingħad fir-Risposta qajla għandu siwi bla ma ġie sostnut bi provi.

Illi intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni.

Illi indipendentament mill-premess, it-Tribunal iqis li r-Rikorrent irnexxielu jipprova l-każ tagħu skont il-liġi u li dak li qed jitlob jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala Konsumatur. It-Tribunal iqis li dan huwa każ ċar ta' *mis-selling* u għalhekk, it-Talba timmerita akkoljiment.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jordna lill-azjenda intimata sabiex fi żmien ħmistax minn din is-sentenza: (i) tħallas lir-Rikorrent is-somma ta' seba mija u tmienja u disgħin Euro (€798.00) u (ii) tiġbor lura mingħand l-istess Rikorrent l-imwejjed in kwistjoni a spejjeż esklussivi tagħha.**

**L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.**

**L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D.**
***Arbitru***